# Mastru Pietru Pawl Azzopardi
## (1791-1875)
### L-Artist li 170 sena ilu naqqax fl-injam l-Istatwa ta' San Ġwann Battista f'għeluq il-140 sena minn mewtu

*Kitba ta' Vicyana Xerri u Claudio Vella*

**Il-ħajja personali tiegħu**

Pietru Pawl Azzopardi twieled fil-belt Valletta fl-20 t'April 1791. Huwa kien it-tielet wild ta' Antonio Azzopardi u Maria neè Camilleri. Ġie mgħammed fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu l-Belt Valletta fejn tawh l-ismijiet ta' Salvatore, Giuseppe, Petrus Paulus u Jeremias, imma bdew isejħulu Pietru Pawl. Missieru, Antonio, kien minn Bormla u ommu kienet mill-Floriana u żżewġu fil-knisja ta' San Publiju l-Floriana li kienet tagħmel parti mill-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt. Wara ż-żwieġ tagħhom, il-familja Azzopardi marret toqgħod Bormla.

Ftit nafu fuq it-tfulija ta' Pietru Pawl. Hu attenda l-iskola sekondarja u jekk wieħed jikkunsidra dawk iż-żminijiet, Pietru Pawl kien jaf jikteb u jaqra. Hu żgur li sa minn dejjem wera ħila għall-arti. Ta' 17-il sena tilef lil missieru u sa minn dik l-età tenera kien diġà beda juri x-xewqa li fil-futur isir skultur.

Pietru Pawl iżżewweġ lil Giovanna Roża Camilleri minn Bormla fil-knisja tal-Kunċizzjoni ta' Bormla fil-25 t'Ottubru 1817 u hemm fetaħ il-bottega tiegħu. Minn dan iż-żwieġ kellhom sitt ulied li minnhon għexu biss tlieta. Dawn kienu Savatore, li twieled fl-1824, Maria Konċetta li twieldet fl-1826 u Giuseppe li twieled fl-1830. Martu Giovanna Roża mietet fit-22 ta' Diċembru 1833 (waqt li kienet twelled tarbija) fl-età żagħżugħa ta' 37 sena. Pietru Pawl ma setax ikompli jrabbi t-tliet uliedu żgħar waħdu li kienu ta' bejn disa' u tliet snin. Għalhekk iżżewweġ lil Antonia Attard fil-5 ta' Mejju 1836 fil-knisja tal-Porto Salvo fil-Belt Valletta. Minn dan iż-żwieġ ma' kellux tfal. Fl-1857, Pietru Pawl Azzopardi mar jgħix il-Belt Valletta fid-dar numru 7, Strada Ponente fejn nhar it-13 ta' Frar 1864 tilef ukoll lit-tieni mara tiegħu li ġiet midfuna fil-knisja ta' Ġieżu l-Belt.

**Il-karrieri artistika tiegħu**

Pietru Pawl kien aljiev ta' Mariano Gerada magħruf ukoll bħala 'il-Marjani'. Mariano ġab din is-sengħa minn Valenzia fi Spanja, meta kien għadu żagħżugħ. F'Valencia, Mariano kien student ta' José Esteve Bonet. Pietru Pawl Azzopardi kien membru fl-akkademja 'Corpo delle Belle Arti del Desegno'. Minn publikazzjoni ta' Castagna, Pietru Pawl hu msemmi li kien skultur għar-re Ferdinandu II ta' Spanja. Dan juri li Pietru Pawl kien kiseb fama artistika kbira u allura skultur-artist ta' kalibru kbir. Għalkemm Pietru Pawl kien bniedem ħawtiel u bieżel, kien umli u ma tantx kien iħobb jidher.

Skont l-istess storiku (P.P. Castagna), Pietru Pawl beda l-karriera tiegħu jiskolpixxi puleni għall-iġfna. Hu kien jiskolpixxi ukoll fil-ġebla maltija. Il-biċċa l-kbira tal-istatwi li skolpa u żebagħ Pietru Pawl, kienu fuq disinn tiegħu stess, u l-akbar numru ta' statwi tiegħu nsibuhom skolpiti fl-injam.



Impressjoni artistika ta' Claudio Vella

**Ix-xogħlijiet tiegħu**

L-ewwel statwa li ħadem kienet statwa tar-Redentur, li Pietru Pawl skolpa fl-1808 fil-ġebla Maltija, għall-kappella ta' Santu Rokku f'Hal Għaxaq u fl-1816 skolpa statwa ta' Santa Katerina, ukoll fil-ġebel li tinsab f'niċċa fi triq fiż-Żurrieq.

Fl-1825 Mastru Pawl ndura bid-deheb, l-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja ta' Haż-Żabbar, opra li kien ħadem Mariano Gerada. Fl-



Il-firma ta' Pietru Pawl Azzopardi

1828 Mastru Pawl naqqax l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju għal konfraternità tar-Rużarju ta' Bormla u fl-1834 huwa sawwar l-istatwa ta' Kristu marbut mal-kolonna għall-konfraternità tas-Salib Imqaddes tal-Belt. Bejn l-1838 u 1848 Mastru Pawl naqqax mhux inqas minn seba' statwi fl-injam. Huwa ħadem ukoll bosta statwi tal-Ġimgħa l-Kbira fosthom għall-parroċċa ta' Bormla. Fl-1838 ħadem l-istatwa ta' San Ġorġ t'Għawdex u għaxar snin wara, ħadem il-Kurċifiss għal din l-istess knisja. Fl-1843 ħadem l-istatwa ta' San Ġużepp għal konfraternità ta' Bormla.

Sentejn wara, fl-1845 Mastru Pietru Pawl naqqax waħda mill-isbaħ opri tiegħu, l-istatwa kapolavur ta' San Ġwann Battista għall-parroċċa tax-Xewkija. It-translazzjoni ta' din l-istatwa saret nhar it-22 ta' Ġunju 1845 mill-kappella tal-Madonna tal-Ħniena sal-knisja Parrokjali tax-Xewkija.

Fl-1853 ħadem l-istatwa tal-Bambina għal-Parroċċa tal-Mellieħa u fl-1856 ħadem statwa tar-Redentur għal Bormla. Fl-1865, Mastru Pawl naqqax l-aħħar opra tiegħu, l-istatwa ta' San Mikiel għal Ħal-Qormi.

**L-aħħar żmien ta' ħajtu**

Kif għidna, fl-1865 għamel l-aħħar skultura tiegħu. Waqt dan ix-xogħol fl-età ta' 74 sena, Pietru Pawl marad. Hu spiċċa jgħix ma' ibnu Giuseppe f'numru 123, Triq l-Ifran il-Belt. Nsibu ismu fil-ktieb tal-magħmudija tal-knisja ta' Porto Salvo il-Belt bħala l-parrinu tat-tifla ta' Giuseppe bl-isem ta' Giovanna Rosa, li ġiet mgħammda fis-7 ta' Awwissu 1870.

L-aħħar żminijiet ta' ħajtu ma tantx kienu tajba. Fit-testment tiegħu kiteb li, li kieku ma kienx għal ibnu Giuseppe, kien ikollu jbiegħ ġidu biex jgħix. Huwa miet b'puplesija nhar l-24 ta' Ottubru 1875, fl-għomor ta' 84 sena. Hu ġie mogħti l-aħħar tislima funebri fil-knisja parrokjali ta' Ħal Tarxien fejn ġie midfun. Il-fdalijiet tiegħu ma nafux fejn huma eżattament.

Malta tilfet skultur tassew kbir li għolla l-għarfien u l-istima artistika f'pajjiżna. Kien għomor sabiħ mimli ħidma b'xogħol mill-isbaħ fl-arti Maltija, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam fl-iskultura fl-injam. Pietru Pawl, kien versatili u prolifiku f'xogħlu. Għaraf ikun innovattiv, biex b'hekk tagħna xogħol bit-timbru partikulari tiegħu, xogħol li għadna nistgħu ngawdu u nitpaxxew bih sallum.

Hija tassew ħasra li ma jeżisti l-ebda ritratt jew xbieha ta' dan l-artist u bil-wisq iktar li fix-Xewkija ma nsibu l-ebda triq li ssemmiet għalih u lanqas monument jew lapida bħala tifkira. Madanakollu għandna il-ħiliet tiegħu imnaqxin fil-kapolavur li ħallielna fl-istatwa tal-patrun Ġwanni l-Battista, li propju din is-sena qed nikkomemoraw il-170 minn meta missirijietna laqgħuha f'raħalna.

*Referenzi:*

Pietro Paolo Azzopardi – A Forgotten Sculptor tan Nutar Eugenio F. Montanaro LL.D

Skulturi Maltin tal-iskola Spanjola ta' Stanley Mangion u Christopher Magro

